28 Gunju 2004

STQARRIJA GHALL-ISTAMPA U X-XANDIR

**Diskors tal-Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern Dr Tonio Borg fl-okkazjoni tal-Gurament tal-Hatra tal-Kunsilliera eletti fl-elezzjonijiet lokali tat-12 ta' Gunju 2004**

Huwa tassew pjacir tieghi li ghall-ewwel darba bhala Vici Prim Ministru u Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali qed nindirizza c-cerimonja tal-hatra tal-Kunsilliera eletti fl-elezzjoni tat-12 ta' Gunju li ghadda.

Kienu elezzjonijiet partikolari, mhux lanqas ghaliex fl-istess jum, l-istess eletturi li vvutaw ghalikom, eleggew wkoll hames deputati li ser jirrapprezentaw ghall-ewwel darba lil Malta fil-Parlament Ewropew.

Id-demokrazija lokali hija element essenzjali ta' kull stat modern u hija fundamentali daqskemm huma l-principji tal-jeddijiet tal-bniedem u tas-sahha tal-ligi. Il-fatt li llum f'Malta qed nirrikonoxxu l-importanza tal-Gvern Lokali huwa in parti rizultat tal-lezzjonijiet li tghallimna bhala nazzjon individwali meta hdima biex nissiehbu l-ewwel fil-Kunsill ta' l-Ewropa, imbaghad fl-Unjoni Ewropea.

Qabel l-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali il-poter kien kollu centralizzat u kull decizjoni li tolqot lill-poplu, kemm kbira u kemm zghira riedet u kienet tittiehed mill-Gvern Centrali.

Fl-1993 il-Gvern waqqaf il-Kunsilli Lokali. Dan m'ghamlux biex jirkeb fuq xi mewga ta' appogg popolari, anzi kellu jiffaccja xetticizmu minn

uhud u anki kritika dwar il-partecipazzjoni minn kwartieri ohra. Illum il-kuncett ta' Gvern Lokali huwa minqux fil-Kostituzzjoni taghna – xhieda tal-filosofija li l-poter m'ghandux ikun f'idejn il-ftit u ghandu jkun ezercitat minn fuq ghal isfel.

Nemmen li r-relazzjoni bejn il-Gvern Centrali u dak Lokali ghandha tkun ibbazata fuq tliet principji. L-ewwel is-sussidjarjetà. F'dan is-sens il-Gvern huwa kommess bil-politika tieghu li jiddevolvi aktar poteri lill-Kunsill Lokali.

It-tieni huwa l-akkontabilità demokratika. Huwa mportanti fuq il-livell lokali, daqskemm hu fil-livell nazzjonali li dawk eletti jaghtu kont lill-eletturi tal-*policies* u l-progetti li jidhlu ghalihom.

It-tielet huwa li nahdmu ghall-gid ta' kulhadd bl-istess mod. Huwa mportanti li kemm bhala Gvern Centrali kif ukoll dak Lokali nahdmu flimkien biex inaqqsu d-differenzi ekonomici u f'oqsma ohra li jidhru li qed jezistu bejn id-diversi lokalitajiet.

Hija l-intenzjoni ta' dan il-Gvern li jara li l-Kunsilli Lokali jkunu aktar dinamici, koerenti, efficjenti u jahdmu aktar flimkien. Dawn il-hsibijiet qed jixprunawna fil-process li ghaddejjin minnu biex nemendaw l-Att dwar il-Kunsili Lokali. Wara process ta' konsultazzjoni li matulu gbarna diversi suggerimenti, issa qeghdin fil-fazi li naghtu forma konkreta lit-tibdiliet li jehtieg li jsiru.

Tressqu proposti li jvarjaw mit-terminu tal-Kunsill, l-ellezjzjoni tas-Sindku sa meta gahndhom jigu konsultati il-Kunsilli. Hemm ukoll diversi suggerimenti ohra dwar kif il-Kunsilli Lokali jistghu ikunu

aktar kreattivi biex jiffinanzjaw lilhom infushom u mhux jiddependu biss fuq il-finanzjament tal-Gvern Centrali.

Il-Gvern, min-naha tieghu, irid ukoll jizguraw li l-abbuzi jkunu kkontrollati aktar u li l-Kunsilli jkunu aktar *accountable* ghad-decizjonijiet li jiehdu. Intom tamministraw flus il-poplu migbura mit-taxxi u dawn iridu jintefqu skond il-ligi u mhux lil hinn minnha.

Il-Gvern, filwaqt li ghandu l-ideat tieghu, qed jixtarr il-proposti li rcieva u jinsab kommess li jdahhal it-tibdiliet li jirriflettu kemm ix-xewqat taghkom u kemm il-htigijiet ta' pajjizna.

Ghal li gej, il-Gvern jemmen li l-prijoritajiet taghkom u tal-Kunsilliera kollha ghandhom ikunu li tkomplu tippromwovu l-inizjattivi li jibnu u jseddqu d-demokrazija billi tpoggu dejjem lic-cittadini fuq quddiem tal-prijoritajiet taghkom.  Li ma jkun hemm l-ebda lok ghal interessi personali u korruzzjoni. Li taghtu l-ahjar servizz lill-kommunitajiet li gejtu eletti biex tirrapprezentaw.

Min-naha tal-Gvern, ahna se nkomplu nappoggjaw il-kontiwazzjoni tax-xoghol eccellenti taghkom billi nghinu lil dawk kollha involuti fid-demokrazija lokali u li naqsmu l-esperjenzi li jgibu titjib vera fix-xoghol li ntghazilna biex naghmlu.

Bhala kunsilliera eletti, il-poplu jistenna li intom izzommu mal-valuri tradizzjonali tad-demokrazija u tas-servizz pubbliku.  Izda aktar minn hekk, jistennew li tkomplu tirriformaw, timmodernizzaw u ttejbu l-kwalita tal-hajja tal-kommunitajiet li tirraprezentaw.  Li turu sens ta' tmexxija f'sahhitha, li tkunu innovattivi u  li tippromwovu l-bidla u li twessghu ir-rispett reciproku u l-ftehim.

Ghal dan il-Gvern lest li jaghtikom l-appogg kollu tieghu, kif dejjem ghamel u huwa kommess li jaghmel fiz-zmien li gej.